MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 107/2000/1

Anthony **GAUĊI**

vs

**MODERN CIRCUITS LIMITED**

**Il-Qorti:**

Dan huwa degriet għall-finijiet tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, wara talba li saret mill-avukat tal-kumpannija mħarrka waqt is-smigħ tas-16 ta’ Marzu, 2004, biex din il-Qorti tordna t-tneħħija mill-atti tal-kawża ta’ affidavit bix-xhieda ta’ Paul Barbara, imressaq mill-attur b’Nota tiegħu tas-6 ta’ Diċembru, 2003;

Illi r-raġunijiet miġjuba ‘l quddiem mill-abbli difensur tal-kumpannija mħarrka biex isaħħu t-talba tagħha huma li l-imsemmi Paul Barbara ma kienx wieħed mix-xiehda dikjarati mill-attur fil-bidu tal-kawża; li l-affidavit huwa magħmul biss fl-ilsien ingliż, bla ma saret traduzzjoni tiegħu bil-malti, kif jitlob l-artikolu 21 tal-Kapitolu 12; u li ma ntweriex li l-affidavit sar b’ħarsien ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 622A tal-Kapitolu 12;

Illi għal din it-talba l-attur oppona billi qal li l-ħtieġa li jitressaq b’xhud Paul Barbara qamet biss matul is-smigħ tal-kawża u meta l-kumpannija mħarrka kienet bdiet tressaq ix-xhieda tagħha. Fuq kollox, kienet il-Qorti nnifisha li kienet awtorizzat lill-attur biex iressaq ix-xhieda ta’ Barbara b’affidavit, minkejja li dan jgħix barra minn Malta;

Illi jirriżulta mill-atti tal-kawża li Paul Barbara ma kienx wieħed mill-persuni li l-attur semma bħala xhud tiegħu fin-Nota tax-Xiehda, u lanqas ma jirriżulta li din il-Qorti kienet awtorizzat lill-attur biex iressaq lil Barbara b’xhud. Kulma kien sar hu li, meta fis-smigħ tas-6 ta’ Mejju, 2002[1], l-attur iddikjara li ma kienx fadallu provi oħrajn x’iressaq, kien għamel riżerva li jressaq ix-xhieda ta’ Paul Barbara bil-meżż tal-affidavit jekk jirrintraċċah. Min-naħa l-

[1] Paġ. 126 tal-proċess

oħra, Paul Barbara kien raġuni ewlenija għaliex il-kumpannija mħarrka seħħilha titħalla tikkontesta l-kawża[2] – li bdiet bil-proċedura sommarja speċjali – sewwasew fuq ir-rwol tal-istess Barbara, kif jixhdu l-Eċċezzjonijiet imressqin[3]. Paul Barbara huwa wieħed mix-xiehda msemmijin tal-kumpannija mħarrka. Fiż-żmien li ssemma bħala xhud, jirriżulta li l-kumpannija mħarrka kienet taf li Barbara kien imsiefer;

Illi huwa aċċettat li l-Qorti għandha l-fakolta' li tordna jew li tħalli s-smigħ ta' kull xhud – kemm jekk huwa wieħed iddikjarat kemm jekk ma kienx hekk dikjarat minn qabel – li fid-diskrezzjoni tagħha jkun rilevanti jew meħtieġ għall-aħjar istruzzjoni tal-kawża u fl-interessi tal-ġustizzja[4]. F'dan il-każ, il-ħtieġa li tinstama' x-xhieda ta' Paul Barbara hija mistqarra mill-kumpannija mħarrka nnifisha li ssejjes il-każ tagħha prinċipalment fuqu u li kienet hi li sejħitlu fost ix-xiehda indikati minnha;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-oġġezzjoni tal-kumpannija mħarrka għall-ammissibilita' tal-affidavit ta' Paul Barbara għal din ir-raġuni mhijiex mistħoqqa;

Illi, fil-każ preżenti, id-dokument imressaq bħala affidavit ma sarx f'Malta. Kopja tal-affidavit ġiet notifikata lill-avukat difensur attwali tal-kumpannija mħarrka fis-16 ta' Frar, 2004. L-affidavit sar fl-ilsien ingliż, u tressaq fl-atti ta' din il-kawża biss fil-verżjoni oriġinali li fih sar. Dwar formalitajiet meħtieġa, il-liġi tagħna tgħid x'għandu jiġi mħares meta titressaq xhieda bil-mezz ta' affidavit[5];

Illi dwar l-ewwel rekwiżit, għalkemm il-liġi titkellem f'termini mandatarji dwar il-ħtieġa li l-affidavit oriġinali jkun akkompanjat minn verżjoni

[2] Paġġ. 10-1 u 14 tal-proċess
[3] Paġġ. 15-7 tal-proċess
[4] App. Ċiv. **28.11.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs Azzopardi*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.221**)
[5] Artt. 21(3) u 622A tal-Kap 12

tradotta bil-malti tal-istess, mkien ma jingħad li l-effett ta' tali nuqqas ikun li l-affidavit għanu jiġi tabilfors imneħħi mill-atti tal-kawża;

Illi dwar ir-rekwiżiti l-oħrajn, jibda biex jingħad li l-artikolu 622A japplika biss meta x-xhud barrani ma jkunx jinsab f'Malta u japplika biss fil-każ ta' affidavit li ma jkunx magħmul f'Malta[6]. Il-kumpannija mħarrka tgħid li ma ġiex ippruvat li l-affidavit ittieħed skond kif jitlob l-imsemmi artikolu, u dan minħabba li l-affidavit fih xi żidiet bl-idejn. Dwar dan, il-Qorti tgħid li għall-finijiet tal-artikoli 627 u 628 tal-Kapitolu 12, tali affidavit jaqa' fil-kategorija ta' dokumenti li jikkostitwixxu prova ta' dak li fihom bla ħtieġa ta' prova oħra dwar l-awtentiċita' tagħhom, sakemm ma ssirx prova kuntrarja. Ma kienx l-obbligu tal-attur li jipprova s-siwi formali tal-affidavit tax-xhud tiegħu Paul Barbara, imma l-obbligu tal-prova kuntrarja kien jaqa' fuq il-kumpannija mħarrka. Dan l-obbligu ma twettaq bl-ebda mod. Id-dubju li tqanqal dwar iż-żidiet bl-idejn fit-test tal-affidavit ma jikkostitwix,waħdu, prova biżżejjed biex twaqqa' s-siwi formali kostitwit mill-ħarsien tal-proċedura għat-tfassil tal-affidavit fis-sistema legali li fih sar;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiċħad it-talba tal-kumpannija mħarrka biex tordna t-tneħħija tal-affidavit ta' Paul Barbara mill-atti tal-kawża.

## < Sentenza In Parte >

[6] Ara deg. P.A. TM **5.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Digitech Co. Ltd. Vs Cogeco s.a.s.***

---------------------------------TMIEM---------------------------------